VERITAS ET JUSTITIA

DIĊEMBRU 2024

# IS-SEMINARJU

















# "MIN JGĦIX BIT-TAMA ..." KIF IKOMPLIHA S-SEMINARJU?

**DUN JIMMY BONNICI** | RETTUR

"Min jgħix bit-tama ..."

"Imut bil-piena", ikompli l-Malti.

Imma x'jiġri jekk ngħixu bla tama?

F'rabta mal-Ġublew tas-sena 2025 għażilna t-tema "ankrati fit-tama". Xi tfisser li ngħixu bl-ankra tagħna fil-futur, fil-ħajja li Alla lesta għal dawk li jħobbuh?



**Nemmnu**
Bħall-profeta Eżekjel quddiem il-wied mimli għadam niexef, mistednin inħallu lil Alla jisfidana: "Jista' dan l-għadam jerġa' jieħu l-ħajja?" (Eżekjel 37,3). Il-fidi tagħna f'Alla l-Missier li ħalaq is-sema u l-art tmexxina biex ngħidu: "Inti taf Sinjur". Bħala Seminarju għandna r-responsabbiltà li nħalluh jibgħatna f'dawk il-postijiet fil-Knisja u fis-soċjetà fejn kollox jidher li niexef jew falla. Inħalluh jinkuraġġina: "Ħabbar. Wassal il-Kelma tiegħi. Ħalli l-Ispirtu tiegħi jissorprendik".

**Nittamaw**
Inħarsu lejn Ġesù li għex ħajtu bl-ankra tiegħu moħbija fl-imħabba tal-Missier. Inħarsu lejn l-azzjonijiet, il-kliem u l-qalb tiegħu fl-aħħar mumenti. Jaf li hemm pjan biex joqtluh. Konxju li fost dawk l-aktar qrib hemm min ser jittradih, min ser jiċħdu. Imma għax jittama jwettaq ġest li jiftaħ futur: l-istess nies li kienu ser jaħarbuh isibu lilhom infushom mistednin minnu għal ikla: "Ħudu, kulu, dan hu ġismi". Bħala Seminarju nixtiequ ngħixu dan il-ġest ta' tama f'kull ewkaristija li niċċelebraw u nwettqu ġesti ta' ospitalità b'tifkira tiegħu.

**Inħobbu**
Għax immexxijin mit-tama tal-ħajja ta' dejjem, nitolbu l-grazzja li nniżżlu l-għeruq tagħna fl-imħabba u fuqha nibnu ħajjitna. Il-pellegrinaġġ tagħna ġewwa Franza jispirana permezz tal-qaddisin li għexu mill-imħabba: il-Kurat t'Ars, Santa Margerita Marija Alacoque, San Vinċenz de Paul, San Karlu de Foucauld, Santa Teresa ta' Lisieux.

Għexu bit-tama imma altru li ma mitux bil-piena.

# AN INTERVIEW WITH FR PETER TEMBO

A PRIEST RESIDING AT THE ARCHBISHOP'S SEMINARY

**Can you tell us a little bit about yourself?**

My name is Peter Tembo, and I am a priest from the Archdiocese of Lusaka, in Zambia, Southern-Central Africa. I was ordained five years ago on the 6th of August 2019, and since then, I have had the privilege of serving in two parishes as well as at the Curia offices. I am passionate about pastoral work, particularly in the parish, the liturgy, and teaching Catechism. In my free time, I enjoy reading, playing soccer, taking walks, watching movies, and listening to music.

**What do you like most about being a priest?**

The most rewarding aspect of my priesthood is the celebration of the mass and the sacraments. Secondly, the opportunity to accompany people on their spiritual journeys. Being present in moments of joy, sorrow, and everything in between is a profound privilege.

**Do you recall an experience which marks your priesthood?**

One particularly impactful experience was administering the Sacrament of Reconciliation and anointing of the sick to my father. It was a challenging moment, but it also deepened my understanding of the power of mercy, faith and the importance of pastoral care. This experience has shaped my ministry and continues to inspire me today.

**What does it mean to you that you are going to be in Malta for the next two years?**

I am incredibly excited to be spending the next two years in Malta, from 2024 to 2026, a country with a very rich history and a vibrant Catholic community. I am eager to immerse myself in the local culture, learn from the Maltese people, and contribute to the spiritual life of the island. I see this as an opportunity to grow in my faith and to serve God's people in a new and exciting way.



# “AGĦMLU DIXXIPLI MILL-ĠNUS KOLLHA!”

**ANDRÉ PSAILA** | SENA V

Fir-raba’ sena ta’ formazzjoni bħala seminaristi nagħmlu esperjenza fi djoċesi f’pajjiż differenti, sabiex nesperjenzaw ir-realtà tal-istess Knisja waħda ta’ Kristu, f’ambjent differenti. Għalhekk, minn Lulju tas-sena l-oħra sa Mejju ta’ din is-sena għamilt esperjenza fid-djoċesi ta’ Darwin, l-Awstralja. Din id-djoċesi hi mmexxija mill-Isqof Malti Charles Gauci, u tinkorpora fiha madwar 45,000 Kattoliku, 37 saċerdot fi 17-il parroċċa differenti. F’din id-djoċesi hemm ir-realtà ta’ komunitajiet ta’ persuni indiġeni li jammontaw għal madwar 11,000 Kattoliku.

Matul dawn ix-xhur kelli l-opportunità li nagħmel diversi esperjenzi pastorali, bħal f’żewġ sptarijiet, skola kattolika, il-grupp taż-żgħażagħ tal-parroċċa tal-Katidral u kif ukoll l-RCIA. Biss, waħda mill-aktar esperjenzi li ser nibqa’ ngħożż f’qalbi hija l-ftit ġimgħat li għamilt f’Wurrumiyanga, fil-Gżejjer Tiwi. Dawn il-gżejjer jinsabu 80km ‘il bogħod minn Darwin, u huma gżejjer abitati minn persuni indiġeni.

Matul iż-żmien tiegħi f’Wurrumiyanga, kelli l-opportunità napprezza kultura differenti minn dak li mdorri biha Malta. Ħassejtni tassew milqugħ fost il-komunità, hekk kif kont preżenti magħhom fil-liturġija, fl-iskejjel Kattoliċi u anke f’dar tal-anzjani li hemm viċin. Minkejja d-diffikultajiet materjali li jeżistu f’din il-komunità, apprezzajt ħafna l-fidi tagħhom f’Alla b’mod partikolari kif espressa fil-liturġija. Illum il-ġurnata, f’Wurrumiyanga, hemm żewġ saċerdoti missjunarji tal-Kelma t’Alla, soru tal-kongregazzjoni internazzjonali Daughters of Our Lady of the Sacred Heart, u anke komunità ta’ sorijiet Kanossjani. Dawn kollha huma reliġjużi li ħallew pajjiżhom biex jaqdu lill-poplu t’Alla f’dawn il-Gżejjer.

Kemm l-esperjenza fid-Djoċesi inġenerali u anke din l-esperjenza sabiħa fil-Gżejjer Tiwi, kienu ta’ eżempju ħaj xi jfisser dan il-kmand ta’ Ġesù fi tmiem l-Evanġelju skont San Mattew, “Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jien magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien.”(Mt 28, 19-20)






# TALBA GĦALL-VOKAZZJONIJIET



Mulej, ibgħat ħaddiema xierqa lill-Knisja tiegħek;
agħmel li huma jkunu tassew tajba!
Ibgħat missjunarji tajba biex jaħdmu l-għalqa tiegħek;
ibgħat ħaddiema kif tassew għandhom ikunu –
distakkati mill-interessi tagħhom,
distakkati mill-kumdità tagħhom,
distakkati mill-ġid ta' din id-dinja.
Ukoll jekk dawn ikunu ftit, agħmel li huma jkunu tassew tajba!
Mulej agħti din il-grazzja lill-Knisja tiegħek.
Ammen

***San Vinċenz de Paul (1581-1660)***

# X'GĦADDA M



1



2



5





9



1. 6 ta' Ġunju 2024 - Ċelebrazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù mal-ġenituri, u l-benefatturi tas-Seminarju
2. 16 – 20 ta' Settembru 2024 - Irtir tal-bidu tas-sena formattiva ġewwa Mount St Joseph, il-Mosta
3. 28 ta' Settembru 2024 – Ritratt flimkien fit-tmiem tal-irtir tas-Seminarju t'Għawdex
4. 2 ta' Ottubru 2024 - Laqgħa ma' dawk li jaħdmu f'diversi oqsma fis-Seminarju.
5. 8 ta' Ottubru 2024 - Quddiesa ma' dawk li ħdimna magħhom fis-sajf

# INGĦALINA?


3


4


6


7


8


10


11

6. 16 ta' Ottubru 2024 – Lejliet il-Mater Admirabilis
7. 17 ta' Ottubru 2024 – Ċelebrazzjoni tal-Mater Admirabilis mal-ġenituri u l-benefatturi tas-Seminarju
8. 1 ta' Novembru 2024 – Quddiesa u Adorazzjoni tal-ewwel Ġimgħa tax-xahar
9. 2 ta' Novembru 2024 – Pellegrinaġġ b'talb għall-Erwieħ
10. 9 ta' Novembru 2024 – Ħarġa ta' San Martin
11. 17 - 23 ta' Novembru 2024 – Pellegrinaġġ ġewwa Franza

# PELLEGRINAĠĠ FI FRANZA

**REV. MATTHEW SAMMUT** I SENA VII

Bejn is-17 u t-23 ta' Novembru bħala komunità tas-Seminarju għamilna pellegrinaġġ ġewwa Franza. Dan il-pellegrinaġġ beda fis-sena 2000 u jsir kull seba' snin. L-ewwel li sar kien f'Ruma għas-sena tal-Ġublew, imbagħad fil-Greċja fuq il-passi ta' San Pawl u seba' snin ilu fl-Art Imqaddsa.

Il-preparamenti bdew fis-sena seminaristika li għaddiet billi l-komunità kollha għamlet proċess ta' djalogu spiritwali sabiex naraw fejn il-Mulej kien qed iwassal il-qalb tagħna. B'mod unaninmu ntgħażlet Franza bħala l-pajjiż li għandna nagħmlu dan il-pellegrinaġġ fih. Dan sar minħabba r-rabta kbira li dan il-pajjiż għandu ma' qaddisin li għexu jew ippromovew saċerdozju mmarkat minn qdusija eżemplari.

Pellegrinaġġ fil-qalba tiegħu huwa rifless tal-mixja tal-bniedem hawn fuq l-art. Kull wieħed minna pellegrini nterqu lejn il-ġenna. U għalhekk il-pellegrinaġġ huwa żmien sagru li fih wieħed jieqaf ftit biex jirrifletti dwar ħajtu u b'liema mod Alla qed jistiednu sabiex jikber fil-ħajja tal-qdusija.

Bdejna l-pellegrinaġġ f'Ars fejn hemm irriflettejna fuq il-figura ta' San Ġwann Marie Vianney, il-qaddis protettur tal-kappillani. Minħabba li kien hemm magħna s-saċerdoti novelli kellna l-grazzja kbira li niċċelebraw il-quddiesa bil-kalċi ta' dan il-qaddis. Filgħaxija kellna laqgħa kordjali mar-rettur tas-Seminarju ta' Ars u rappreżentanti tal-komunità tas-Seminarju ta' dan il-post.

It-Tlieta kellna ġurnata b'diversi mumenti li kellna nivvjaġġaw u għalhekk il-ġurnata bdiet kmieni filgħodu. Bdejna b'waqfa qasira f'Taizé. Dan huwa post li jżuruh bosta żgħażagħ mid-dinja kollha. Dan huwa post immexxi minn monaċi li ġejjin minn tradizzjonijiet differenti ta' Kristjaneżmu. Wara dan żorna Paray-Le-Monial u żorna l-katidral fejn hemm id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesu li nbdiet mill-qaddisa Margaret Marija Alacoque li bejn is-snin 1673 u l-1675 dehritilha l-Qalb ta' Ġesù. Din iż-żjara kellha profondità doppja fid-dawl tal-promulgazzjoni tal-Enċiklika tal-Papa Franġisku *Dilexit Nos* ftit ġimgħat ilu.

Bejn it-Tlieta filgħaxija u l-Ġimgħa filgħodu konna qegħdin Pariġi. Matul dawn il-ġranet konna qed noqogħdu fil-Bażilika tas-Sacre Coeur, spazju ta' talb imfittex ħafna minn persuni mid-dinja kollha. F'Pariġi rriflettejna ħafna fuq il-martri u kif għadhom għalina xhieda ta' ħajja ta' qdusija eżemplari. F'Parigi kellna l-opportunità li nirriflettu fuq il-ħajja ta' San Vinċenz de Paul meta żorna u tlabna fuq il-qabar tiegħu. Waqfa speċjali oħra kienet fil-Kattidral ta' Notre Dame fejn kellna gwida li dawritna mad-dawra tal-kattidral u rajna l-aħħar preparamenti għall-ftuħ mill-ġdid ta' dan il-post fit-8 ta' Diċembru.

Il-Ġimgħa qattajna l-ġurnata f'Lisieux, ir-raħal fejn Tereża tal-Bambin Ġesù għexet fil-monasteru. Din il-qaddisa tant żgħira u sempliċi wriet lill-Knisja li fiċ-ċokon tidher tassew il-qawwa ta' Alla. Tereża matul ħajjitha dejjem xtaqet li jkollha ħuha saċerdot, iżda l-unika żewġ subien li kellha l-familja mietu ta' età żgħira. Għalhekk Tereża għażlet li tiddikjara lilha nfisha bħala oħt kull saċerdot u addottathom fit-talb tagħha.

Is-Sibt irritornajna Pariġi fejn qattajna nofs ta' nhar mal-Aħwa Monastiċi ta' Ġerusalemm, komunita' ta' monaċi rġiel u nisa li l-karizma tagħhom hi li jkunu oażi spiritwali f'nofs belt urbana. Fil-knisja gotika ta' San Ġervais fejn huma bbażati, ipparteċipajna f'quddiesa iċċelebrata mill-isqof awziljarju ta' Pariġi, Mons Emmanuel Tois. Ġejna mistiednin ukoll għal ikla fraterna magħhom u wara flimkien qsamna bejnietna kif naraw lil Alla jaħdem f'ħajjitna.






PARA




# ID-DWAL TAL-MILIED

**ADAM BALDACCHINO** | SENA III

Niftakar b'mod ċar l-eċċitament li kont inħoss ta' tifel, jien u ħiereġ mid-dar fl-aħħar ta' Novembru u sa fl-aħħar nerġa' nara dik it-teptipa ta' dwal jiddu mis-siġra tal-Milied. Dawl li kien jimlieni bl-enerġija għal ġurnata twila skola. U filgħaxija wkoll, fejn issoltu kien ikun hemm dlam ċappa, issa hemm ir-raġġi ħelwin li kienu jleqqu f'għajnejja qabel ma nidħol għall-irqad.

Dawn id-dwal tal-Milied ituna kemm l-enerġija u kif ukoll is-serħan. L-enerġija u s-serħan jafu jidhru opposti ta' xulxin imma fiż-żmien tal-Milied qisu b'xi mod isiru ħaġa waħda. Dan naħseb jirrifletti l-impatt tal-preżenza ta' Ġesù Bambin f'ħajjet kull bniedem u kreatura. Naraw dan fil-prologu ta' Ġwanni, hu u jiddeskrivi r-relazzjoni bejn Kristu u l-univers. Jgħid li Ġesù "kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru; kulma sar kellu l-ħajja fih, u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin "(Ġw 1: 3-4). Hawnhekk l-awtur sagru qiegħed jurina lil Ġesù bħala d-Dawl li jmexxina u jsostnina tul ħajjitna kollha. Huwa permezz ta' dan id-Dawl li aħna nistgħu ngħixu ħajja kif iridna ngħixuha Alla. Hekk biss, taħt ir-rieda sabiħa ta' Alla, nistgħu ngħixu ħajja fil-paċi. U kif jgħidilna Santu Wistin ukoll, qalbna qatt ma tkun tista' tistrieħ sakemm tistrieħ f'Alla.

Hekk naraw kif il-preżenza ta' Ġesù tħalli żewġ effetti fuq kull bniedem, li jissinkronizzaw maż-żewġ ħtiġijiet essenzjali tal-umanità, li huma l-enerġija u l-mistrieħ. Għalhekk, kif il-Knisja qiegħda tipprepara għas-sena tal-Ġubilew, ejja nħallu dan iż-żmien tal-Milied ikun opportunità biex aħna nsiru dwal żgħar, li flimkien nerġgħu nilluminaw il-Knisja bid-dawl u l-imħabba ta' Ġesu, bħad-dwal ħelwin ta' fuq is-siġra tal-Milied.



# SMIGĦ, PAĊENZJA, IMMAĠINAZZJONI U FERĦ: L-ESPERJENZA TAL-QSIM TAL-KELMA

**DUN MARK SULTANA** | DIRETTUR SPIRITWALI

Għadu kemm intemm is-Sinodu li sar f'Ruma. Hemmhekk, id-domanda ċentrali kienet: kif nistgħu nwasslu lill-Mulej Irxoxt u l-Evanġelju tiegħu f'dinja li fiha bosta dlamijiet u dellijiet? F'dan id-dawl, id-domanda dwar kif il-Knisja tista' tkun aktar sinodali u aktar missjunarja għandha x'taqsam mal-bżonn kbir li nikkomunikaw l-Aħbar it-Tajba lil dawk li b'xi mod qegħdin fi tfittxija, ukoll jekk din tkun diżorjentata.

Din is-sejħa biex inwasslu l-Kelma, filwaqt li nimxu ma' dawn il-persuni, titlob għażliet konkreti: titlob sabar kbir, immaġinazzjoni kreattiva, smigħ mill-qalb, perseveranza fil-formazzjoni, ħidma flimkien. Titlob li nieħdu d-domandi kemm espliċiti u kemm impliċiti bis-serjetà. Wara kollox, Ġesù jieħu d-domandi bis-serjetà: "Kif sirt tafni?"; "Kif qatt jista' jkun dan?"; "Tgħid dan il-Messija?"; "X'inhuma dawn għal daqstant nies?"; "Min hu dan?"; "Min hu, Mulej biex nemmen fih?" huma xi wħud mid-domandi li jistaqsu n-nies fl-Evanġelju. U Ġesù bosta drabi jidħol fi djalogu permezz ta' domandi: "Xi tridni nagħmillek"; "Xi tridu?"; "Lil min qiegħda tfittex?"; "Tħobbni?"; "Intom min tgħidu li jien?" u tant domandi oħrajn li jistaqsi Ġesù.

F'dan id-dawl, nagħrfu li min jistaqsi domandi profondi mhux qed ifittex informazzjoni biss imma qed ifittex il-ħajja. Irid jgħix. Qed ifittex li jifhem lingwa ġdida li tagħmilha possibbli li jgħix b'mod imġedded.

Dan ifisser li kull wieħed qed ifittex il-ħajja, u li flimkien nistgħu naqsmu d-domandi profondi li hemm fi qlubna u li qed jistednuna għal ħajja mġedda. U flimkien nagħrfu kif il-Kelma ta' Alla qed tmiss il-qalb ta' kull wieħed minna b'mod differenti mhux biss b'risposti imma aktarx bi stediniet ħelwa u persistenti. Għandna bżonn lil xulxin biex nidħlu aktar fil-fond fid-dinamiżmu tal-Evanġelju. Għandna bżonn lil xulxin biex nagħrfu l-preżenza ħajja tal-Mulej Irxoxt preżenti u attiv fl-istorja personali u komunitarja tagħna u li jistedinna għall-ħajja.

Din tkun l-esperjenza tagħna fis-Seminarju meta niltaqgħu għal spiritual conversation. F'dawn il-waqtiet nitolbu, nisimgħu lil xulxin, u naqsmu l-Kelma ta' Alla biex ngħinu lil xulxin nidħlu fil-fond fl-għajxien tal-Kelma, ninkuraġġixxu lil xulxin, u nieħdu deċiżjonijiet importanti filwaqt li ngħinu lil xulxin inkunu miftuħa għall-ispirazzjonijiet ta' Alla. B'hekk nikbru fl-imħabba. B'hekk ma nidħlux fl-illużjoni li nistgħu naħdmu waħedna. B'hekk nagħrfu li l-Mulej kien qiegħed magħna minn qabel ma għarafna li dan hu minnu. B'hekk ngħinu lil xulxin noħorġu dejjem iżjed mill-kamra tal-biża' u tal-qtigħ ta' qalb biex ngħixu fid-dar tal-imħabba. B'hekk, filwaqt li nibqgħu qrib tad-domandi fi qlubna u fi qlub oħrajn, insostnu lil xulxin biex qalbna tibqa' mkebbsa mill-Kelma ta' Ġesù hekk li nkunu ħajjin f'Alla.



# TIXTIEQ TGĦIN LIS-SEMINARJU?

Ta' kull sena aħna nafdaw fil-ġenerożità tiegħek u fl-għajnuna li dejjem offrejt lis-Seminarju.

Flimkien mat-talb tiegħek tista' tgħin billi:

- Tibgħat ċekk bl-offerta tiegħek indirizzat 'Is-Seminarju tal-Arċisqof' fl-indirizz postali:
  **Seminarju tal-Arċisqof, 90 Triq Tal-Virtù, Rabat RBT 2604.**
- Tgħaddi l-offerta tiegħek lis-Seminarju fuq il-kont tal-APS Bank plc – dettalji tal-kont:
  **The Archbishop's Seminary – Major**
  **IBAN Number: MT15APSB77068000499110499130014**
  **SWIFT Code: APSBMTMT**
- Tħallas Borża ta' Studju ta' €600 (jew parti minnha) li tista' tħallasha f'daqqa jew tagħżel li tħallas ammont żgħir kull xahar kemm tixtieq int.

Grazzi mill-qalb tal-għajnuna u s-sehem tiegħek fil-formazzjoni tas-Seminaristi.



+356 2145 5497/8 seminary.org.mt info@seminary.org seminary.malta